

V

(Avviżi)

ATTI OĦRAJN

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Notifika dwar talba skont l-Artikolu 30 tad-Direttiva 2004/17/KE – Estensjoni tad-data ta' skadenza

Talba mingħand entità kontraenti

(2011/C 241/10)

Fl-24 ta' Ġunju 2011, il-Kummissjoni rċeviet talba skont l-Artikolu 30(5) tad-Direttiva 2004/17/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 li tikkoordina l-proċeduri ta' akkwisti ta' entitajiet li joperaw fis-setturi tas-servizzi tal-ilma, l-enerġija, it-trasport u postali ⁽¹⁾.

Din it-talba, li saret mill-entità msejħa "Magyar Posta", tikkonċerna ċerti servizzi finanzjarji fl-Ungerija (ara r-raba' inċiż tal-Artikolu 6(2)(c) tad-Direttiva 2004/17/KE). It-talba kienet ippubblikata fil-ĠU C 200, 8.7.2011, p. 15. Il-perjodu inizjali skada fis-27 ta' Ġunju 2011.

Minħabba li s-servizzi tal-Kummissjoni għandhom bżonn jirċievu u jeżaminaw tagħrif supplimentari u skont id-dispożizzjonijiet tat-tieni frażi tal-Artikolu 30(6), il-perjodu taż-żmien li l-Kummissjoni għandha sabiex tieħu deċiżjoni dwar din it-talba qed jiġi estiż bi tliet xhur.

Għalhekk, il-perjodu finali jiskadi fis-27 ta' Diċembru 2011.

⁽¹⁾ ĠU L 134, 30.4.2004, p. 1.